MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 4/2007

**Maltacom plc**

**Vs**

**Stephen Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-avviz prezentat fl-20 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tnejn u disghajn centezmu (Lm2,325.92) in kwantu ghal Lm385.67 rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 21557074 (kont numru 40004436),

liema servizz gie installat fil-fond N.B. Vjal 8 ta' Settembru, Xaghra, Ghawdex u in kwantu ghas-somma ta' Lm1,229.55 rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21376212 (kont numru 10124601), liema servizz gie nstallat fi Steve's Car Hire, Triq Bernardette, San Gwann u in kwantu ghas-somma ta' Lm710.70 rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 21365467 (kont numru 10091172) liema servizz gie nstallat f'Lourdes Garage, Triq Bernardette, San Gwann.

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz u naqas milli jikkontesta l-kawza u jidher ghas-seduti.

Semgha lil Emanuel Cini (rapprezentant tas-socjeta attrici) jikkonferma bil-gurament li sal-lum l-ammont pretiz fl-avviz ghadu kollu dovut.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elfejn tliet mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm2,325.92) kif spjegat hawn fuq u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz.

Spejjez kollha kontra l-konvenut skond it-talba tas-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------